MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' April, 2017

Rikors Maħluf numru: 94/16LM

**L-Avukat Cedric Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Tunisia Tuna soċjetà ta' responsabilità limitata reġistrata fit-Tuneżija, bin-numru ta' reġistazzjoni B18432002, bl-indirizz Industrial Zone Reciche 5100, Mahdia Tuneżija**

***vs.***

**Il-Bastiment M/V Beni Louma, bin-numru ta' reġistrazzjoni OR 5154, reġistrata taħt il-bandiera tal-Alġerija**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-**Avukat Cedric Mifsud** għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera **Tunisia Tuna** soċjetà ta'

responsabilità limitata reġistrata fit-Tuneżija, bin-numru ta' reġistazzjoni B18432002 (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li ġie ippreżentat fl-4 ta' Frar, 2016, li jgħid:

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti ġiet ingaġġata mis-soċjetà Beni Louma, soċjetà reġistrata l-Alġerija, bl-indirizz 10 Rue Gueffai Boumedienne, Oran Alġerija, proprjetarja tal-bastiment intimat M/V Beni Louma bin-numru ta' reġistrazzjoni OR 5154, reġistrata taħt il-bandiera tal-Alġerija sabiex teżegwixxi xogħlijiet ta' manutenzjoni u riparazzjonijiet fuq l-istess bastiment waqt li huwa irmiġġat fil-port ta' Sfax fit-Tuneżija;*

2. *Illi x-xogħlijiet saru u tlestew mis-soċjetà rikorrenti bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu, 2013 u l-ħdax (11) ta' April, 2013. Illi meta nbdew ix-xogħlijiet kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet fuq is-servizzi rikjesti mill-bastiment intimat, liema ftehim verbali mbagħad ġie sanzjonat permezz ta' ftehim bil-miktub datat sitta (6) ta' Mejju, 2013 (vide Dok. A[1]);*

3. *Illi a bażi tal-ftehim hawn fuq imsemmi s-soċjetà rikorrenti ħarġet fattura (vide Dok. B[2]) għall-ammont ta' tliet mija disgħa u għoxrin elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05), ekwilvalenti għal mija disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57) rappreżentanti xogħlijiet ta' manutenzjoni u riparazzjonijiet fuq il-bastiment intimat;*

4. *Illi l-bastiment intimat huwa għalhekk debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' tliet mija disgħa u għoxrin elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05), ekwilvalenti għal mija disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57);*

5. *Illi l-imsemmi ammont ta' tliet mija disa' u għoxrin elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Dinar Tunezini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05), ekwilvalenti għal mija disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57), huwa dejn ċert, likwidu u dovut u għalhekk fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu*

[1] Esebit *a fol.* 6 sa 10 u traduzzjoni tiegħu mill-Franċiż għall-Ingliż tinsab esebita *a fol.* 11 sa 15.
[2] Esebita *a fol*. 16 u traduzzjoni tagħha mill-Franċiż għall-Ingliż tinsab esebita *a fol*. 17.

*167 et seq tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess soċjetà rikorrenti, il-bastiment intimat mgħandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

6. *Illi għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma tħallasx mill-entità konvenuta u għalhekk kellha issir din il-kawża;*

*Jgħid għalhekk il-bastiment intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-bastiment intimat M/V Beni Louma, bin-numru ta' reġistrazzjoni OR 5154, reġistrat taħt il-bandiera tal-Alġeria huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti, Tunisia Tuna għas-somma ta' tliet mija disa' u għoxrin elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05), ekwilvalenti għal mija disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57), rappreżentanti xogħlijiet ta' manutenzjoni u riparazzjonijiet fuq l-istess bastiment waqt li huwa irmiġġat fil-port ta' Sfax fit-Tuneżija;*

3. *Tikkundanna l-bastiment intimat M/V Beni Louma, bin-numru ta' reġistrazzjoni OR 5154, reġistrat taħt il-bandiera tal-Alġerija sabiex iħallas lis-soċjetà rikorrenti Tunisia Tuna s-somma ta' tliet mija disgħa u għoxrin elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779. 05), ekwilvalenti għal mija disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57), għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-bastiment intimat li jibqa' inġunt minn issa għas-subizzjoni*

Rat in-nota tal-bastiment konvenut **MV Beni Louma** ppreżentata fid-29 ta' Frar, 2016 ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitoku 12 tal-Liġijiet ta'

Malta sabiex jikkontesta t-talba tas-soċjetà attriċi għad-dispensa tas-smigħ bil-proċedura tal-giljottina u dan minħabba li l-istess bastiment għandu eċċezzjonijiet validi fil-liġi biex iressaq kontra t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Rat id-digriet tagħha mogħti waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2016 fejn, wara li semgħet t-trattazzjoni tal-partijiet u rat illi l-bastiment konvenut għandu eċċezzjonijiet x'iressaq, tat għoxrin jum lill-bastiment konvenut sabiex jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-bastiment konvenut **MV Beni Louma** (minn issa 'l quddiem "il-bastiment konvenut") ippreżentata fil-21 ta' Marzu, 2016, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi in linea preliminari, l-Qrati Maltin m'għandhomx il-ġurisdizzjoni meħtieġa biex jieħdu konjizzjoni tal-azzjoni attriċi billi din hija azzjoni in rem miġjuba kontra l-bastiment intimat u r-rekwiżiti neċessarji u kontemplati fl-Artikolu 742D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll dawn imnisslin fid-dispożizzjonijiet ta' Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex sodisfatti. Dan billi s-sid preżenti tal-bastiment eċċipjenti u ċioè s-soċjetà estera SARL GOLDEN TUNA (kif jidher ċar mill-kopja taċ-ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment ta' Affari Marittimi ġewwa l-Alġerija datata 15 ta' Marzu, 2016 annessa u mmarkata Dokument AA1*[3]*) qatt ma kien u mhuwiex "il-persuna responsabbli in personam versu s-soċjetà attriċi" (ċioè mhuwiex ir-relevant person) kif irid l-imsemmi artikolu 742D. Ir-relevant person allegatament hija soċjetà estera BENI LOUMA, reġistrata ġewwa l-Alġerija, illi magħha kkuntrattat is-soċjetà attriċi.*

[3] Ċertifikat *a fol.* 41 u reġa' ġie esebit *a fol.* 44, 49 u 52 (bil-Franċiż) u traduzzjoni *a fol. 43* (u reġa' ġie esebit *a fol.* 51) minn fejn jirriżulta li t-trasferiment tal-bastiment sar b'kuntratt Nru 516/2014 fit-23 ta' Diċembru, 2014 quddiem in-nutar Ali Nemri.

2. *Mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea preliminari ukoll, a tenur tal-pattijiet kuntrattwali bejn is-soċjetà attriċi u l-allegat soċjetà debitriċi Beni Louma, kwalunkwe vertenza taħt il-kuntratt datat 6 ta' Mejju, 2016 għandha tiġi risolta esklużivament quddiem il-Qrati ta' Sfax ġewwa t-Tuneżija, bil-konsegwenza li din il-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni u għalhekk għandha twaqqaf dawn il-proċeduri a tenur tal-artikolu 742 (2) tal-Kap. 12.*

3. *Illi dato ma non concesso li dina l-Onorabbli Qorti għandha ġurisdizzjoni tiddeċiedi din il-kawża, xorta għandha twaqqaf dawn il-proċeduri stante illi diġà hemm proċeduri fuq l-istess mertu għaddejjin quddiem il-Qrati ta' Sfax.*

4. *Illi subordinarjament u fil-mertu, mhuwiex minnu illi s-soċjetà attriċi eżegwiet ix-xogħlijiet, jew li eżegwiet dawk ix-xogħlijiet għal dawk il-prezzijiet allegati. In ogni caso, l-oneru tal-prova jinsab fuq is-soċjetà attriċi sabiex tipprova dak illi qed tallega.*

5. *Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

   *Salv eċċezzonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

   *Bl-ispejjeż.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' April, 2016 fejn il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi għar-rigward l-eċċezzjonijiet preliminari tal-bastiment konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017 fejn din il-Qorti tat terminu għall-preżentata ta' noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-bastiment konvenut u ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-bastiment konvenut u tas-soċjetà attriċi.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Illi f'din il-kawża s-soċjetà attriċi estera Tunisia Tuna qed taġixxi *in rem* kontra l-bastiment konvenut għall-ħlas ta' tiswijiet li hija għamlet fuq l-istess bastiment, vapur tas-sajd tat-tonn, Beni Louma, kif ukoll għal apparat, servizzi u spejjeż oħra ammontanti għal €149,899.57, liema xogħlijiet, servizzi u spejjeż saru skont ftehim datat 6 ta' Mejju, 2013 li kien sar bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà estera Beni Louma, li dak iż-żmien kienet proprjetarja tal-istess bastiment, liema bastiment ġie maqbud Malta bil-ħruġ ta' mandat ta' arrest kawtelatorju.[4] Sussegwentement inħareġ kontromandat in vista li saret garanzija

[4] Nru 90/16

bankarja magħmula mingħajr preġudizzju għat-talbiet, għas-somma ta' €150,400 biex jiġi rilaxxjat il-vapur, liema garanzija bankarja ġiet depożitata l-Qorti permezz ta' ċedola nru 265/16.

Illi l-bastiment konvenut qed jikkontesta t-tieni u t-tielet talbiet tas-soċjetà attriċi[5] fejn qed tintalab dikjarazzjoni li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi għas-somma ta' €149,899.57 għal xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswijiet fuq l-istess bastiment u l-kundanna għall-ħlas tal-imsemmija somma, u dan billi qed jikkontendi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu li l-azzjoni *in rem* kontra l-bastiment ma tistax issir kontra s-sid attwali tal-bastiment konvenut billi meta kienu saru x-xogħlijiet u ġew reżi servizzi, kienu saru bi ftehim mas-soċjetà estera Beni Louma, li dak iż-żmien kienet is-sid tal-vapur, filwaqt li meta nfetħet il-kawża odjerna li hija azzjoni *in rem*, l-imsemmija soċjetà Beni Louma ma kinitx għadha aktar is-sid tal-bastiment konvenut li fit-23 ta' Diċembru, 2014 kien ġie trasferit lis-sid attwali tiegħu s-soċjetà estera SARL Golden Tuna. Illi in vista ta' dan il-bastiment konvenut qiegħed jeċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ai termini tal-artikolu 742D tal-Kap. 12 u dan stante li sabiex il-Qrati Maltin ikollhom ġurisdizzjoni li jismgħu azzjoni *in rem* huwa meħtieġ illi l-persuna responsabbli għad-debitu tkun is-sid jew noleġġatur jew ikollha l-pussess jew kontroll tal-vapur kemm meta jkun inħoloq id-debitu kif ukoll meta nfetħet il-kawża

[5] L-ewwel talba tas-soċjetà attriċi dwar id-dispensa mis-smigħ ai termini tal-artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12, ġiet diġà miċħuda mill-Qorti.

*in rem* hawn Malta.[6] Barra minn hekk il-bastiment konvenut jikkontendi illi lanqas ma tapplika l-eċċezzjoni ikkontemplata taħt l-istess artikolu għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Kap. 234, għax f'każ ta' bejgħ volontarju, dan il-privileġġ jibqa' jseħħ biss sa sena wara l-bejgħ, u fil-każ in deżamina, dak it-terminu ta' sena għadda qabel ma nfetħet il-kawża odjerna.

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu l-bastiment konvenut isostni wkoll illi din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' din il-kawża peress li skont klawsola 19 tal-ftehim oriġinali bejn is-soċjetà attriċi u sid il-vapur ta' dak iż-żmien, kull vertenza taħt il-kuntratt tas-6 ta' Mejju, 2013[7] kellha tiġi riżolta esklussivament quddiem il-Qrati ta' Sfax ġewwa t-Tuneżija.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kif diġà ngħad, minħabba l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-bastiment konvenut, l-ordni tal-provi ġie invertit sabiex l-ewwel iressaq il-provi tiegħu l-bastiment konvenut dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu li sottometta dan li ġej:

[6] Artikolu 742D *(a)* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Mhux 2016.

1. Li il-bastiment inbiegħ mis-soċjetà estera Beni Louma fit-23 ta' Diċembru, 2014 lis-soċjetà estera S.A.R.L. Golden Tuna u dan skont ċertifikat tad-dipartiment tal-Affarijiet Marittimi ġewwa l-Alġerija;[8]

2. Kopja tal-ftehim (li kien diġà ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi) bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà estera Beni Louma fejn oriġina d-debitu mertu tal-kawża odjerna;[9]

3. Kopja tad-dokumenti ġudizzjarji rigward il-proċeduri li nfetħu mis-soċjetà attriċi kontra s-soċjetà Beni Louma quddiem il-Qrati ta' Sfax, it-Tuneżija.[10]

Illi min-naħa tas-soċjetà attriċi:

1. Ġew esebiti tliet dokumenti, xi wħud bil-Franċiż u xi wħud bl-Għarbi, u bir-relattivi traduzzjonijiet għall-Ingliż[11] li huma l-fattura li diġà kienet ippreżentata f'dawn il-proċeduri, l-ftehim bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà Beni Louma u xi inkartamenti tal-Qorti fi Sfax, Tuneżija fejn kienet ukoll qiegħda tintalab ir-rexxissjoni tal-ftehim u ħlas ta' penali;

[8] *A fol.* 49 u 52 - dok. CERT1 bi tradizzjoni mill-Franċiż għall-Ingliż a *fol. 51* tal-proċess.
[9] *A fol.*61 sa 65 bil-Franċiż tal-proċess u traduzzjoni bl-Ingliż *a fol.* 54 sa 60 tal-proċess.
[10] *A fol.*68 bl-Għarbi u traduzzjoni bl-Ingliż *a fol.* 67, 70 u 71 tal-proċess.
[11] *A fol.* 73 sa 106 tal-proċess.

2. Xehed **Hassene Ben Ramdhane**[12], għan-nom tas-soċjetà estera attriċi fejn spjega li l-ftehim datat 6 ta' Mejju, 2013 li kien sar bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà Beni Louma ġie ffirmat minnu bħala rappreżentant tas-soċjetà attriċi u minn Guessas Mohamed El Amin, it-tifel ta' Qassas Hadj bin Mohamed bi prokura għan-nom tal-istess Qassas Hadj bin Mohamed, li kien il-proprjetarju tas-soċjetà Beni Louma. Ix-xhud qal ukoll li s-soċjetà Beni Louma fl-ewwel sena ma ħadmitx għax Qassas qal li kellha problema ta' amministrazzjoni fiskali però aċċertahom li kien ser jirranġa dan u wara saru jafu li kellu kumpannija oħra bl-istess problema. Dan ix-xhud qal ukoll illi sar jaf li Qassas Hadj bin Mohamed kien fetaħ il-kumpannija S.A.R.L. Golden Tuna ma' oħrajn fejn hu kellu ħamsin fil-mija tal-ishma f'din il-kumpannija, li llum hija sid il-bastiment konvenut, u esebixxa wkoll emenda tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tas-soċjetà S.A.R.L. Golden Tuna.[13]

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi huwa ben stabbilit illi taħt il-liġi nostrana kull kreditur għandu d-dritt li jarresta bastiment ta' 'l fuq minn għaxar metri sabiex jikkawtela pretensjoni *in personam* u/jew *in rem*, sakemm il-Qrati tagħna jkollhom

[12] *A fol.* 108 sa 109.
[13] *A fol.* 110 sa 120 bl-Għarbi u traduzzjoni bl-Ingliż minn fejn jirriżulta li Qassas Hadj bin Mohamed għandu 100 ishma fis-soċjetà SARL Golden Tuna filwaqt li Haichar Eissa bin Salab għandu 50 ishma u Benasser Najet Ben Abdel Kader għandha 50 ishma, total ta' 200 ishma.

ġurisdizzjoni *in personam* jew *in rem* u jekk ir-rekwiżiti legali neċessarji jiġu sodisfatti.

Illi meta kreditur jarresta bastiment sabiex jikkawtela pretensjoni *in personam,* dan ifisser li jkun qiegħed jarresta l-bastiment bħala proprjetà tas-sid tal-bastiment sabiex jikkawtela l-kreditu pretiż minnu mingħand is-sid stess li jkun debitur tiegħu.

Illi hemm imbagħad ukoll l-istanzi partikolari speċifikati mil-liġi fejn krediti jkunu ggarantiti permezz ta' privileġġ speċjali li jista' jintalab il-ħlas tagħhom b'azzjoni *in rem* kontra l-bastiment irrispettivament min huma s-sidien.

Illi qabel ma ġie ppromulgat l-Att XIV tal-2006 li emenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-ġurisdizzjoni *in rem* kienet tkun radikata f'azzjoni ta' dan it-tip fil-każijiet meta:

(a) l-kreditu jaqa' taħt xi *cause of action* elenkat fil-liġi;

(b) l-azzjoni titressaq kontra l-vapur bħala konvenut fil-kawza;

(ċ) l-vapur ikun fl-ibħra Maltin, u

(d) il-vapur irid ikun ġie maqbud jew miżmum milli jitlaq minn Malta.

Dawn ir-rekwiżiti kellhom jippersistu tul l-azzjoni jekk ma jkunx sar depożitu tal-ammont pretiż fil-Qorti (li fil-każ odjern sar), u dan sabiex l-istess deċiżjoni tkun tista' tiġi eżegwita kontra l-bastiment u dan kif konsistentement ġie ritenut f'bosta sentenzi tal-qrati tagħna, fosthom dawk fl-ismijiet **Av. Dr Kevin Dingli *noe. vs.* Kaptan Sebastiano Pizzimenti *pro. et. noe.***[14]; **AWT Handels Gesellshaft mbH *vs.* Il-Bastiment M/V Dmitri Poluyan *et.***[15]; **S. Mifsud & Sons Limited *vs*. M.V. Euredika *et.***[16]; **Valfracht Roro Line Ltd *vs.* Dr Louis Cassar Pullicino *noe.***[17]; **Dr Max Ganado *noe vs*. Kaptan Sebastiano Pizzimenti *pro. et. noe*.**[18], fejn ingħad illi "dawn ir-rekwiżiti huma intiżi sabiex jirradikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti iżda l-fatt li jigu sodisfatti ma jfissirx li r-rimedju jeżisti għaliex l-azzjoni ma teżistix fl-assenza tad-dritt sostantiv."

Illi bil-promulgazzjoni tal-Att XIV tal-2006 ġew introdotti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-artikoli 742B, 742Ċ u 742D dwar il-ġurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati tagħna u dwar l-azzjoni *in rem*. L-artikolu 742B tal-Kapitolu 12 jispeċifika:

> "Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament jiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:"

[14] P.A. (DS), 11.07.2001.
[15] P.A. (AJM), 01.10.2001.
[16] P.A. (GCD), 23.11.2001.
[17] P.A. (JRM), 10.04.2003.
[18] A.C., 30.11.2007.

Fost dawn l-istanzi li huma ta' rilevanza diretta għall-kawża odjerna, hemm is-segwenti żewġ sub-paragrafi:

> "(*o*) kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet, *bunkers*, provvisti u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma u manutenzjoni tiegħu;
>
> (*p*) kull pretensjoni rigward il-kostruzzjoni, il-kostruzzjoni mill-ġdid, it-tiswija, il-konversjoni jew l-ekwipaġġar ta' vapur;"

Illi skont l-artikolu 742D tal-Kapitolu 12 il-ġurisdizzjoni *in rem* tal-qrati tagħna tissussisti:

> "Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni *in rem* tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra –
>
> (a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni *in personam* (''il-persuna rilevanti'') kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt *bareboat charter* ta' dak il-vapur;
>
> (b) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."

Illi jsegwi għalhekk illi a tenur tal-artikolu 742D (a) tal-Kap. 12, kreditur ikollu dritt għal azzjoni *in rem* kontra bastiment:

I. fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni *in personam* kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta’, jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-bastiment, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta’ dak il-bastiment jew in-noleġġatur taħt *bareboat charter* ta’ dak il-bastiment; jew

II. fil-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta’ bastiment sa sena wara l-bejgħ, fejn hawn jista’ s-sid ikun għalhekk ieħor fil-mument meta tinfetaħ il-kawża. Fost l-istanzi msemmijin fl-artikolu 50 tal-Kapitolu 234 huma ta’ rilevanza għall-kawża odjerna:

> “Il-krediti speċifikati hawn taħt jiġu garantiti permezz ta’ privileġġ speċjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq kull dħul minn xi indennizz li jinħoloq minn kolliżjonijiet u disgrazzji oħra magħdud kull dħul mill-assigurazzjoni:
>
> *Omissis.*
>
> *(*g) l-ispejjeż magħmula għaż-żamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tiegħu magħduda spejjeż ta’ provvisti u proviżjonijiet għall-ekwipaġġ tiegħu magħmula wara l-aħħar dħul tal-bastiment fil-port;
>
> *Omissis.*
>
> (j) il-flus li jkollhom jieħdu akkreditati għal xogħlijiet, xogħol ta’ ħaddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu:

Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment, jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;

*Omissis.*

(m) il-flus li jkollhom jieħdu il-kredituri għal proviżjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu:

Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;"

Għall-kompletezza l-artikolu 37D(3) tal-Kap. 234 jgħid:

"37D (3) Bla ħsara għal kull kawża oħra li minħabba fiha tista' skont il-liġi tispiċċa obbligazzjoni, il-privileġġi speċjali msemmija fl-artikolu 50 ma jispiċċawx mal-bejgħ tal-bastiment, ħlief fil-każ ta' bejgħ magħmul wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti mill-qorti magħmul skont il-formi stabbiliti bil-liġi, jew meta, wara bejgħ volontarju jkun għadda perijodu ta' sena mid-data tar-reġistrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni ta' dak il-bejgħ volontarju fir-reġistru li għalih il-bastiment jappartjeni jew meta ma tkun tniżżlet ebda reġistrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni f'dak ir-reġistru mid-data tal-għeluq tar-reġistru tal-bastiment f'dik ir-reġistrazzjoni wara dak il-bejgħ volontarju, sakemm f'dak il-perijodu ta' sena ma tkunx inġiebet azzjoni quddiem qorti kompetenti biex tinġabar is-somma garantita b'dak il-privileġġ."

Illi wara li ġew stabbiliti l-parametri legali illi jirregolaw il-materja abbażi ta' dak illi ġie ppruvat sa issa fil-kawża, il-Qorti sejra tikkolloka taħt liema parti ta' dan il-qafas ġuridiku jaqa' l-kreditu pretiż, pretensjoni għal azzjoni *in personam,* għar-rigward ta' liema is-soċjetà attriċi qed titlob il-kundanna għall-ħlas kontra l-bastiment konvenut, biex b'hekk

tiddetermina l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-bastiment konvenut.

Illi l-kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi fis-somma ta' tliet mija disgħa u għoxrin elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05), ekwilvalenti għal mija disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57) hu għar-rigward ta' diversi provvisti u servizzi pprovduti mis-soċjetà attriċi lill-bastiment konvenut kif indikat *a fol.* 17 u ċjoè VMS, ICCAT o*bservers, nets, dinghy,* w*inch*, MEDISA *maritime agent* u *miscellaneous expenses* (mhux identifikati), liema oġġetti jew servizzi indikati jaqgħu kemm taħt is-subparagrafi (o) u (p) tal-artikolu 742D tal-Kapitolu 12, kif ukoll taħt il-paragrafi (g), (j) u (m) tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 234.

Illi għar-rigward tat-talbiet tas-soċjetà attriċi li jaqgħu fl-ambitu tal-artikolu 742D tal-Kap. 12, hu rikjest li (i) il-persuna li kienet responsabbli meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, trid tkun is-sid, jew in-noleġġjatur, jew ikollha kontroll jew taħt il-pussess tagħha dak il-bastiment; kif ukoll (ii) meta tinġieb l-azzjoni, dik l-istess persuna responsabbli trid tkun jew is-sid tal-bastiment jew is-sid benefiċjarju jew inkella *bareboat charterer* tal-istess bastiment.

Illi l-bastiment konvenut fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu jikkontesta li ma ġietx ippreżentata l-aħjar prova mis-soċjetà attriċi għar-rigward ta' jekk is-soċjetà estera Beni Louma kinitx sid il-bastiment konvenut meta kien sar il-ftehim bejn din l-istess soċjetà estera u s-soċjetà attriċi. Il-Qorti tqis illi f'dan ir-rigward il-bastiment konvenut m'għandux jingħata raġun stante li ma tarax għalfejn l-kuntratt esebit anki mill-bastiment konvenut[19] m'għandux jitqies bħala prova li s-soċjetà attriċi kienet ikkuntrattat *in buona fede* mas-soċjetà estera Beni Louma bħala s-sid tal-bastiment konvenut dakinhar, aktar u aktar meta ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar dan mill-istess bastiment konvenut fir-Risposta Maħlufa tiegħu.

Illi inkwantu għas-sid attwali tal-bastiment, li skont id-dokumenti ppreżentati mill-istess bastiment konvenut, huwa s-soċjetà estera SARL Golden Tuna, u dan mit-23 ta' Diċembru, 2014 'il quddiem[20] u ċjoè minn qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, tqis ukoll illi s-soċjetà estera SARL Golden Tuna ma kinitx il-persuna responsabbli meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni ("il-persuna rilevanti") għax dakinhar la kienet is-sid, la kienet in-noleġġatur u lanqas kellha l-kontroll jew taħt il-pussess tagħha il-bastiment konvenut:

> "Isegwi għalhekk illi a tenur tal-artikolu 742D(a), kreditur ikollu dritt *in rem* kontra bastiment, meta il-persuna li kienet responsabbli meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni kienet is-sid, jew iċ-*charterer*, jew ikollha l-kontroll, jew il-pussess

[19] *A fol.* 56 sa 59 tal-proċess.
[20] Skont id-dokument li jinsab esebit a fol. 43 tal-*proċess*.

> ta' dak il-bastiment, tkun ukoll l-istess persuna (is-sid, is-sid benefiċjarju tal-bastiment jew il-*bareboat charterer* ) meta tiġi intavolata l-azzjoni.[21]"

Illi inkwantu ta' jekk is-soċjetà estera Beni Louma li kkuntrattat il-ftehim mertu ta' din il-kawża kinitx għadha s-sid benefiċjarju tal-bastiment konvenut meta nfetħet din il-kawża, il-Qorti tqis illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod mis-soċjetà attriċi illi t-trasferiment tal-bastiment konvenut mis-soċjetà estera Beni Louma lis-soċjetà estera S.A.R.L. Golden Tuna kien b'xi mod frawdolenti, magħmul bl-iskop illi s-soċjetà estera Beni Louma taħrab mid-djun li kellha jew saħansitra sabiex jaħrab mid-djun Guessas Hadj bin Mohamed li kien l-uniku azzjonista u proprjetarju tas-soċjetà Beni Louma u li llum huwa azzjonista ta' 50 fil-mija tal-ishma fis-soċjetà estera S.A.R.L. Golden Tuna, sid il-bastiment konvenut odjern.

Illi għal dawk li huma provi il-Qorti għandha tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi teżamina l-provi ppreżentati fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[22], li min jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[21] Digriet mogħti mill-P.A., 05.06.2015 fl-atti tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 690/15JPG fl-ismijiet **Avv. Anne Fenech *noe. vs*. Il-Bastiment MY Whispering Angel**.
[22] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe.* *vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015.

Din il-Qorti ma tistax tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq sempliċi insinwazzjonijiet u kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Dr H. Lenicher *vs.* J. Camilleri:**

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu".

Illi filwaqt li ma jistax jiġi eskluż illi sar xi manuvrar biex jiġi evitat li l-bastiment konvenut jinqabad għad-djun li ġew ikkuntrattati mis-soċjetà Beni Louma, mill-banda l-oħra l-Qorti tqis illi bħala fatt dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat mis-soċjetà attriċi. In-nota ta' sottomissjonijiet studjata tas-soċjetà attriċi hi mibnija fuq il-premessa li kien hemm frodi mill-parti l-oħra, iżda din il-premessa gratuwita tas-soċjetà attriċi ma ġietx ippruvata u hawn tfalli t-teżi tas-soċjetà attriċi.

Illi bl-istess mod is-soċjetà attriċi lanqas ma rnexxielha tipprova illi l-imsemmija soċjetà estera Beni Louma meta ġew intavolati dawn il-proċeduri, kienet effettivament is-sid benefiċarju tal-bastiment konvenut. L-avukat difensur tal-bastiment konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu għamel espożizzjoni akkurata tal-kunċett ta' sid benefiċjarju u kif ġie żviluppat maż-żmien, però kif diġa' ngħad din il-Qorti ma tħoss li hemm għalfejn tidħol f'dan il-kunċett ladarba ma ġiex

ippruvat li effettivament għad hemm xi kontroll min-naħa tas-soċjetà Beni Louma jew minn Guessas Haj bin Mohamed fuq il-bastiment konvenut.

Illi inkwantu għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 50 (g), (j) u (m) tal-Kapitolu 234, sabiex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin f'azzjoni *in rem*, huwa meħtieġ li l-kawża tkun ġiet istitwita qabel għeluq is-sena mir-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment. Il-bastiment konvenut fil-kawża odjerna ġab prova kemm tat-trasferiment proprju u kemm tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment, li seħħew f'Diċembru tal-2014, filwaqt li l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-4 ta' Frar, 2016, u ċjoè aktar minn sena wara li kien sar il-bejgħ volontarju. Barra minn hekk, taħt l-artikolu 50(g) tal-Kap. 234 l-ispejjeż iridu jkunu saru wara l-aħħar dħul tal-bastiment fil-port, filwaqt li għar-rigward tal-artikolu 50(j) u (m) l-ispejjeż jew xogħlijiet iridu jkunu saru qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu. Tqis illi *se mai* kien jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li ġġib il-prova dwar dan id-dejn u meta effettivament kien dovut relattivament mad-dħul tal-bastiment fil-port u mas-salpar għall-aħħar vjaġġ tiegħu, xi ħaġa li s-soċjetà attriċi naqset milli tagħmel u għaldaqstant l-azzjoni attriċi għandha tfalli anki f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-bastiment konvenut fis-sens li kwalunkwe vertenza taħt il-kuntratt datat 6 ta' Mejju 2016 kellha tiġi risolta

esklussivament quddiem il-Qrati ta' Sfax ġewwa t-Tuneżija skont klawsola 19 tal-imsemmi kuntratt, salv illi jingħad li kif inhu llum ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana:

> "Hija sinifikattiva, errudita u studjata s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Middlesea Insurance *plc pro. et noe. vs*. Bianchi & Co. (1916) Ltd** (PA 27/02/2014) li daħlet *funditus* fil-prinċipju dwar jekk klawsola ġurisdizzjonali tiżradikax għal kollox u bla eċċezzjoni l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati.
>
> *Omissis.*
>
> Il-Qorti tirrefera għas-segwenti brani mis-sentenza msemmija aktar il-fuq li ċċaraw il-kwistjoni dwar eċċezzjoni simili. Iżda għalkemm kien hemm xi ftit każijiet fejn l-eżistenza ta' klawsola bħal dik wasslet biex il-Qorti qisitha bħala waħda tassattiva li tneħħi l-ġurisdizzjoni tagħha, il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet huma fis-sens li l-Qrati Maltin għandhom kull jedd li jeżerċitaw diskrezzjoni jekk iwarrbux il-ġurisdizzjoni tagħhom taħt is-saħħa ta' klawsola bħal dik. Dan il-ħsieb jaqbel sewwa ma' dak li tipprovdi espressament il-liġi tagħna llum, u l-fehma l-iżjed aċċettata hija li klawsola bħal dik ma tistax titfisser bħala li teżawtora għal kollox u minn qabel il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li mqarr tistħarreġ il-kwistjoni, u fejn, ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi, jkun jidher li l-partijiet tassew riedu din il-klawsola. (**Vol. XXIV, P. I, p. 1067**)."[23]

[23] Sentenza preliminari li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (MCH) fl-10 ta' Diċembru, 2015, li in forza tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta (dik ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni) fil-kawża fl-ismijiet **C. & F. Building Contractors Limited *vs.* Siegfried Generics (Malta) Ltd.** u konfermata fl-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-bastiment konvenut M/V Beni Louma, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tas-socjetà attriċi sabiex tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan in vista tad-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Marzu, 2016, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba attriċi in vista tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni *in rem* ta' din il-Qorti.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.**

Moqrija.